MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru. 339/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**CHARLOT CALLEJA**

**(ID: 192782M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHARLOT CALLEJA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 192782(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fl-14 ta' Settembru 2005 gewwa Triq San Mikiel Marsa kkommetta serq ta' Stereo tal-marka Kenwood u diversi CD's minn go vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBG 602, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Amanda Randich;
2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni DBG602, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' Amanda Randich;
3. U aktar talli sar recediv ai temrini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 10, fedina penali a fol 11 et seq. u kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Marzu 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 17.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2015 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2015.

Semghet lill-imputat **Charlot Calleja** jixhed u jispjega illi huwa kkommetta r-reat in kwistjoni meta kien ghaddej fi stadju hazin ta' hajtu u llum il-gurnata huwa biddel l-istil ta' hajja tieghu u kien beda jahdem u kien proprju meta' kien qed jahdem illi waqa' sular u spicca kiser l-ghaksa ta' saqajh u kellu sittin punt u llum ma jiflahx jahdem minhabba dan l-incident stante li siequ ghadha m'ghaddietx. Mistoqsi x'sar mill-oggetti li nsterqu l-imputat jghid illi r-reati sehhew disa' snin ilu u ghalhekk ma setghax jiftakar.

Il-Qorti tirrileva illi din il-kawza giet mghoddija lilha permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni mill-Prim Imhallef datat 20 ta' Novembru 2014 u minnufih appuntatha ghas-smiegh u rat illi l-imputat kien lest li jirregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' wara li l-kawza giet assenjata lilha b'mod permanenti.

Il-Qorti semghat lill-Ufficjal Prosekutur jghid illi l-imputat jinsab taht il-kura ta' Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard u ghalhekk fil-fehma tieghu haseb li jkun opportun li l-imputat jibqa' taht l-istess direzzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' **l-Artikoli 49, 50, 95, 261, 289 u 325 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat CHARLOT CALLEJA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole u dan bil-ghan illi possibilment jigi nominat l-istess ufficjal tal-probation u cioe' Carmen Nygaard sabiex tkompli tiehu hsieb lill-imputat li gja jinsab taht id-direzzjoni taghha bil-ghan li l-Probationer jinzamm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u tghinu fil-problemi li hu ghandu f'hajtu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------